MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2004

Talba Numru. 647/2004

**GasanMamo Insurance Limited kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Carmen Pace u l-istess Carmen Pace**

**Vs**

**Mario Joseph Cutajar**

It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-25 ta' Marzu 2004 fejn is-socjeta` attrici talbet sabiex il-konvenut ihallas is-somma ta' Lm300.97 (tlett mitt lira Maltin u sebgha u disghin centezmu) rapprezentanti ta' danni sofferti f'incident awtomobilistiku.

Fl-Avviz tat-talba intqal li:-
Il-konvenut huwa debitur tal-atturi fis-somma ta' tlett mitt lira Maltin u sebgha u disghin centezmu (Lm300.97) u dana in kwantu ghas-somma ta' Lm275.97 lis-socjeta`

attrici assikuratrici u in kwantu ghas-somma ta' Lm25 lill-attrici Carmen Pace, rappresentanti danni li soffrew meta l-konvenut waqt li kien qed isuq il-vettura BBE 391 fis-27 ta' Jannar 2003 gewwa s-Siggiewi habat mall-vettura numru JBE 705 propjeta ta' Carmen Pace u ikkaguna danni f'din l-istess vettura.

Dan l-incident hija ghalih unikament responsabbli l-konvenut stante li is-sewqan tieghu kien wiehed negligenti u traskurat.

Bl-ispejjes, komprisi dawk ta' Ittra Ufficjali datata 19 ta' Awissu 2003 kontra l-konvenut u ta' Ittra Ufficjali ohra ippresentat kontestwalment ma' dan l-Avviz kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut bl-imghax kontra l-istess konvenut li huwa minn issa ingunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta fejn inghad:-
It-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom ikunu michuda bl-ispejjez kontra l-atturi stante li l-incident awtomobilistiku in kwistjoni ma sehhx b'tort tal-konvenut izda b'tort tal-attur, u ghalhekk m'ghandu jkun ikkundannat ihallas l-ebda danni.

F'kull kaz, l-atturi jridu jaghmlu l-prova tad-danni rejalment sofferti minnhom.

Salv eccezzjonijiet ohra permessi bil-Ligi.

Sema` x-xhieda u ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:
Illi t-tribunal ma jistax ma jirrilevax il-genwinita` fl-gholi tax-xhieda taz-zewg xufiera.

L-attrici kienet zewg vetturi quddiem il-konvenut. Il-vettura ta' bejniethom issuperat lill-attrici, il-konvenut ipprova jaghmel l-istess. Ried idur lejn il-lemin, u jaghmel il-manuvra fuq il-karreggjata hazina tat-triq. Il-manuvra kienet qed issir fil-vicinanzi ta' T-Junction. L-attrici kienet fl-istess direzzjoni tieghu ma setax jevitha u saret il-habta. Din il-versjoni tal-konvenut hija konfermata f'dik il-parti

ultima meta da parti tal-attrici hija deheret fil-boghod mill-mirja u ma saret l-ebda referenza ghal vettura l-ohra.

Huwa opportun jigi sottolinejat dak li stqarr il-konvenut lil Pulizja ‘a tempo vergine’ “kont ser nikser lejn il-lemin tieghi, zamejt il-break, rajt vettura JBE 705 gejja u l-karozza tieghi baqghet sejra”. Huwa halla tlettax-il (13) metru brake waqt fuq in-naha hazina tat-triq, li maghdud it-*thinking distance”*, iddikjara lil lill-attrici ra ferm qabel, pero` ma setax iwaqqaf il-vettura.

Illi ma jistax jichad li giet krejata xi azzjoni subitanea da parti tal-attrici li tista` tinkolpa lilha stess. Kif gie rilevat, is-sorpass sar hdejn T-Junction manuvra li attwalment hija probita mill-High Way Code stradali. Kien qed irsir sorpass f’karreggjata singola u ried jikser. Aktar u aktar wara allegatament vettura ohra. Dak li kien tajjeb ghal vettura ta’ quddiemu ma jistax ikun tajjeb ghalih ukoll. Kellu jsuq b’mod aktar prudenti, u l-velocita` utilizzata ghas-sorpass irrenditlu nkapaci li jikkontrolla l-vettura tieghu. It-Tribunal ma jiskontra xejn negattiv fis-sewqan tal-attrici. L-anqas ma gie kontestat il-quantum tad-danni u qed jigi akkordat.

Jiddeciedi illi fil-waqt li jichad l-eccezzjoni tal-konvenut, jilqa` t-talbiet attrici u jikkundannah ihallas is-somma ta’ Lm 300.87 bl-ispejjes u interessi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------